MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 59

14 ta' Lulju 2016

Minuti tas-seduta Nru. 59 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech li għarraf illi kien indispost permezz ta' imejl datat 12 ta' Lulju 2016.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 58 li saret fit-30 ta Ġunju 2016 ġew approvati mingħajr emendi u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Attività "Nimxu Flimkien l-Ewwel Pass għal Saħħitna" (A/5/5/Vol IV)

2.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 14.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li hija, flimkien mal-Kunsillier J. Gauci, attendew il-mixja organizzata minn studenti tar-raba' sena fil-fakoltà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta li saret fl-4 ta' Lulju 2016. Hija qalet li l-organizzaturi rringrazzjaw lill-Kunsill għall-koperazzjoni murija u ngħatat tifkira tal-okkażjoni.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Eżitù tal-kawża Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieħa et (A/6/7/1/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-12 ta' Lulju saret laqgħa mal-konsulent legali l-Avv. John Bonello, li għaliha attendew ukoll l-Viċi Sindku C. Bartolo, u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini, E. Bartolo, P. Cutajar, u J. Gauci, flimkien mas-Segretarju Eżekuttivi C. Debono u s-Sur A. Cauchi għal Central Asphalt Ltd. Fl-istess laqgħa ġiet evalwata l-pożizzjoni tal-Kunsill fid-dawl tas-sentenza mogħtija mill-Onor. Imħallef Silvio Meli fit-28 ta' Lulju 2016.

2.2.3. Fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fil-laqgħa msemmija fil-minuta 2.2.2., il-Kunsill kien tal-fehma li ċerti fatturi li ma ngħatawx konsiderazzjoni kif mistħoqq, jew ġew injorati għal kollox. Minkejja dan, il-Kunsill iddeċieda li m'għandux jappella, wara li ħa in konsiderazzjoni:

- Il-*culvert* irid isir fi kwalunkwe każ; u
- il-fattur tal-ispejjeż sa dan l-istadju, apparti l-*culvert* mhumiex daqshekk kbar.

2.2.4. Id-deċiżjoni skont il-minuta 2.2.3. tapplika biss, kemm-il darba l-konjugi Gouder ma jappellawx min-naħa tagħhom. F'dan il-każ, il-Kunsill huwa tal-fehma li għandu jressaq appell inċidentali.

## 2.3.1. Tpinġija fuq il-ħitan (S/4/Vol VI)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti dwar l-inizjattiva li qed tittieħed minn Scuola Internazionale per la Tecnica dell'Affresco, flimkien mal-Malta International School for Fresco Painting. Hija għarrfet li kellha kuntatt mas-Sur Stephen Grima, li nfurmaha illi ma jistax jingħataw aktar dettalji, kemm-il darba il-Kunsill ma jindikax post fejn tista' issir tpinġija fuq il-ħajt.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 11/07/16;
- Skeda ta' pagamenti – 25/06/16 – 11/07/16;
- Sentenza Kawza Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieħa et – 280616;
- Abbozz tal-ftehim dwar ir-Restawr u Kustodja tat-Torri l-Abjad;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mill-Avv. Charlene Grima datata 6 ta' Lulju 2016, li f'isem il-klinjent tagħha s-Sur Paul Cardona talbet laqgħa dwar l-eżitù tal-appell li sar quddiem il-*Public Contracts Review* Board rigward is-sejħa għall-offerti msemmija ħawn fuq. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-laqgħa ġiet appuntata għall-20 ta' Lulju 2016 fil-preżenza tal-konsulenti legali taż-żewġ naħat.

4.1.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 4.2.1. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill mid-District Operations Ltd (E/3/6/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Ġunju 2016, mibgħut mid-District Operations Ltd li timpjega lill-ħaddiema li qabel kienu fil-*Community Work Scheme* imħaddma mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u t-Taħriġ. Flimkien ma' l-istess korrispondenza kien hemm *memorandum* li jrid jiġi ffirmat bejn il-kumpanija u l-Kunsill, li jinkludi l-obbligi taż-żewġ naħat illi għandhom jirregolaw l-assenjazzjoni tal-ħaddiema konċernati, kif ukoll kodiċi ta'dixxiplina.

4.2.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-*memorandum* jittratta wkoll l-ħlas ta' *performance bonus* sa massimu ta' 5% fuq is-salarju bażiku, wara li ssir evalwazzjoni msejsa fuq il-kriterji li ġejjin:

- 60% - Osservanza tal-kundizzjonijiet tal-impjieg b'mod partikulari ħinijiet, attendenza, *leave, leave* tal-mard u dehra;
- 20% - Twettieq ta' xogħol assenjat f'ħin raġġjonevoli u l-kwalità tiegħu; u
- 20% - Ibies protettiv mogħti mill-Kunsill sabiex jiġu osservati r-regoli dwar is-saħħa u sigurtà skont il-liġi.

4.2.4. Ġie spjegat li l-dawn il-ħaddiema jieħdu l-paga minima nazzjonali ta' €168.01, li tammonta għal salarju annwali ta' €8,736.52 u allura l-ħlas tal-*performance bonus* lill-erba' persuni assenjati mal-Kunsill ser jinvolvi nefqa addizzjonali ta' €1,747.32, kemm-il darba jitħallas l-ammont massimu.

4.2.5. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim mad-Districts Operations Ltd li jkopri lis-Sinjuri Silvio Sciberras, Mark Camilleri, Henry Muscat, u lill-Charmaine Genovese.

**4.3.1. Festa tal-Manikata (F/2/1/Vol I)(S/6/Vol VI)**

4.3.2. Saret referenza għall-ittra datata 6 ta' Lulju 2016, mibgħuta mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Manikata, fejn il-Kunsill intalab jieħu sehem fl-organizzazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp li ser ssir fit-28 ta' Awwissu 2016.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbiżx €300.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Lulju 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-25 ta' Ġunju u l-11 ta' Lulju 2016.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Ftehim dwar il-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara) (P/4/4/Vol IV)**

7.2. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi permezz ta' imejl datat 14 ta' Lulju 2016, il-president tal-Art Club 2000 - is-Sur Twanny Darmanin - għarraf li ma jistax jattendi l-appuntament mogħti lilu għall-istess data, peress li kellu impenn ieħor marbut ma' l-istess soċjetà.

7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tiġi ffissata data oħra għat 13 ta' Settembru 2016 fis-6.30pm, li kemm-il darba ma tiġix onorata, jitqies li l-Art Club 2000 m'għadhomx interessati li jġeddu l-ftehim dwar it-tmexxija tal-Mużew tat-Tunnara.

**8.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2016 (P/3/5)( A/5/3/1/Vol XVI)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' imejl datat 14 ta' Lulju 2016, Dr Michael Buhagiar għarraf li ser jirrinunzja mill-kariġa ta' *chairman* fuq il-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi, peress li ibnu ġie nominat biex jingħata wieħed mill-unuri mogħtija mill-Kunsill. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li ser ikun indispost għal numru ta' ġimgħat.

8.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti fil-minuta 8.2., il-Kunsill iddeċieda li l-Bord ta' Rakkomandazzjoni jkun kompost kif ġej:

| | |
|---|---|
| Chairman | John Buttigieg – Sindku |
| Membri | Emvin Bartolo – Kunsillieri |
| | Salvu Attard |
| | Margaret Cutajar |
| | John Sammut |

8.4. Il-Kunsill qabel ukoll li l-laqgħa tal-Bord għandha ssir fid-19 ta' Lulju 2016.

8.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sindku ta' Adenau s-Sur Arnold Hoffmann ser ikun preżenti għall-Iljieli Melleħin, iżda mhux possibbli għalih li jkun Malta fit-28 ta' Lulju għal Jum il-Kunsill. Għaldaqstant is-serata ma tistax tkun taħt il-patroċinju tiegħu u għalhekk saret stedina lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali l-Onor Stefan Buontempo, li wkoll ma jistax jattendi. Għaldaqstant saret stedina lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati l-Onor. Anġlu Farrugia li aċċetta.

8.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-President tal-Kumitat Reġjonali tat-Tramuntana qed jiġi mistieden, mill-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħtu, sabiex jippreżenta il-bandiera bl-istemma tar-Reġjun ħalli tittellgħa f'okkażjonijiet uffiċjali li jkun involut il-Kunsill fihom.

8.7. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li jiġu ppreżentati *tokens* lill-żewġ sportivi Melleħin – William Chetcuti, li rebaħ it-Tazza tad-Dinja tal-Isparar li saret f'Baku fl-Azerbaijan u lil Alex Borg li flimkien ma' Brian Cini rebħu l-*European Team Snooker Championship* li saru f'Vilnius fil-Lithuania. Huwa ssuġġerixxa wkoll li tingħata tifkira lill-Onor. Anġlu Farrugia.

8.8. Is-Sindku ppropona li għandu jingħata apprezzament uffiċjali lill-proġett ta' restawr illi sar fuq ix-xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa, liema proġett kien kordinat mill-Arċipriet Joe Caruana.

8.9. F'dak li huwa programm, ġie propost li dan ikun ippreżentat mis-Sinjura Anna Bonett. Apparti l-preżentazzjoni tal-onorefiċenzi, ġie ssuġġerit li dan ikun jikkonsisti mit-tnedija tal-ktieb "L-Għanja ta' Ħajti", filwaqt li l-parti mużikali tkun ipprovduta minn Joe, Alice, Chris u Julian Grech, flimkien ma' Alexia Baldacchino. Wara jkun hemm bibità li ser tkun parzjalment sponsorjata minn Patisserie Caterers.

8.10. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2016 (A/5/3/5/Vol V)

9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-programm tal-attivitajiet ikun kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2016** | |
| Misraħ il-Parroċċa | • DJ Max;<br>• Native Band;<br>• Alexia Micallef<br>• The Beatles Tribute Band;<br>• DJ Max |
| **Is-Sibt 30 ta' Lulju 2016** | |
| Triq il-Mitħna l-Qadima k/m Triq il-Kbira | • Spettaklu folk |
| Triq il-Madonna ta' Fatima k/m Triq Ġorġ Borg Olivier | • Pop Dance Studio;<br>• Artemocion;<br>• Kant mit-tfal. |
| Bitħa tas-Santwarju | • Michel on Saxaphone |
| Santwarju (ġewwa) | • Kor Vuċijiet Vittorjani<br>• Kor Imperial |
| Triq Ġorġ Borg Olivier | • Wirja ta' vetturi kollettibbli<br><br><u>Palk bejn Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq Adenau:</u><br>• The Fourth Fret<br>• Michaela and Band |
| Misraħ il-Parroċċa | • Paul Abela Band |
| **Il-Ħadd 31 ta' Lulju 2016** | |
| Triq il-Mitħna l-Qadima k/m Triq il-Kbira | • Spettaklu folk |
| Triq il-Madonna ta' Fatima k/m Triq Ġorġ Olivier | • Adonel Dancers<br>• Vogue Dancers<br>• Look Stars Dancers |

| | |
|---|---|
| Bitħa tas-Santwarju | • Michel on the Saxophone |
| Misraħ il-Parroċċa | • Junior Choir & Orchestra – Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina<br>• Grupp JAMM<br>• Mellieha Youth<br>• Wirja bil-vetturi *offroad* |
| Triq Ġorġ Borg Olivier | • Wirja ta' vetturi kollettibbli<br><br><u>Palk bejn Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq Adenau:</u><br><br>• Divine Sinners<br>• Brooke and band<br>• The Crowns |
| Triq il-Marfa u Triq l-Erwieħ | • Wirja ta' *drifting* |

9.3. Il-Viċi Sindku qal li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu mhux f'pożizzjoni li tipprovdi l-kannizzati tal-bejjiegħa, iżda ser tagħmel għotja ta' €1,000. Minn naħa l-oħra, il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima ser jislef il-kannizzati meħtieġa.

9.4. Is-Sur C. Bartolo aċċenna li kemm l-organizzaturi tal-wirja tal-*offroading*, kif ukoll dawk tad-*drifting* huma koperti b'polza ta' assikurazzjoni. Dwar il-wirja tal-*offroading* li ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa, ġie spjegat li l-pubbliku ser jitħalla jarahom minn fuq il-parapett, filwaqt li l-ispetturi fil-livell tal-pjazza ser ikunu jistgħu jaraw minn wara il-barrikati u l-vetturi tal-parteċipanti li fl-istess ħin ikunu qed jipprovdu *buffer* f'każ ta' inċident. Dwar il-wirja tad-*drifting*, ġie spjegat li ser jitpoġġew blokki tal-konkos fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Triq l-Erwieħ, filwaqt li ser jitħalla ftuħ żgħir għall-vetturi li jeħtiġilhom jgħaddu f'dawk il-waqtiet li fihom titwaqqaf it-tellieqa.

9.5. Is-Segretarju ppropona li jitpoġġew blokki wkoll fejn tintemm il-korsa, f'tarf Triq l-Erwieħ kantuniera ma' Triq Salvinu Vella u Triq l-Inkurunazzjoni, peress li hemmhekk normalment ikun hemm numru ta' spettaturi.

9.6. Is-Sindku qal li ż-żewġ assoċjazzjonijiet msemmija fil-minuta 9.4 għandhom jgħaddu lill-Kunsill kopja tal-polza tal-assikurazzjoni li tkoprihom.

9.7. Il-Kunsill approva l-attivitajiet u l-postijiet indikati fl-iskeda fil-minuta 9.2.

## 10.1. Żbir ta' siġar (C/6/Vol IX)

10.2. Il-Kunsillier J. Gauci ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jinżabru siġar li qed jinġumbraw bankini u anke l-karreġġjata fl-S-bend ta' Triq il-Marfa u fiż-żona ta' Santa Marija Estate, bħal Triq iż-Żebbuġ, Triq Għajn Żejtuna.

10.3. Ittieħdet nota tal-ilment sabiex tittieħed azzjoni.

## 11.1. Fteħim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad mill-Soċjetà Din l-Art Ħelwa (A/6/7/1)

11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-soċjetà msemmija għaddiet abbozz tal-ftehim dwar il-kustodja u t-tmexxija tat-Torri l-Abjad. Fl-ittra li tkopri l-abbozz, il-President Eżekuttiv tas-soċjetà qalet li l-klawsoli 8 u 9, li jitrattaw l-assikurazzjoni u l-indennizz, għad iridu jiġu ċċarati minn naħa tagħhom u wara jiddiskutuhom mal-Kunsill.

11.3. Il-Kunsillier P. Cutajar ikkummenta li dan il-ftehim għandu jkun konsistenti ma' dak tax-Xelters tat-Tieni Gwerra u tal-Batterija ta' Westreme, fis-sens li għandu jkun hemm *supervisory committee* bħala ħolqa ta' komunikazzjoni bejn il-Kunsill u s-Soċjetà. Flimkien ma' dan għandha wkoll ikun hemm klawsola fis-sens li s-Soċjetà għandu jkollha l-obbligu li torganizza *open day* meta l-pubbliku in ġenerali jingħatalu aċċess mingħajr ħlas.

11.4. Is-Sindku qabel li t-test tal-abbozz għandu jiġi mgħoddi lill-konsulent legali tal-Kunsill bil-għan li wara tkun tista' issir laqgħa ma' delegazzjoni tas-Soċjetà.

**12.1. *Bring-in sites* (K/6/10/Vol III)**

12.2. Is-Sindku wera t-tħassib tiegħu dwar l-abbużi li qed isiru f'dak li huwa rimi ta' skart, partikularment fejn il-*bring-in sites* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u dik ta' Triq Qasam Barrani. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li kuljum dawn jirrikjedu intervent mill-kuntratturi nkarigati mill-ġbir tal-iskart mħallat u l-iskart goff. Għaldaqstant huwa ppropona li jsiru *CCTV cameras* sabiex iservu bħala deterrent.

12.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li dawn ikunu tat-tip *wide angle* u *infra-red* biex ikun faċli li wieħed jidentifika persuna jew jara numru ta' vettura bil-lejl.

12.4. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi kkonsultat inġinier dwar din il-materja.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġieta aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2016 fis-7.00 pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**